**Minuti tal-11 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ġimgħa 28 t' Awwissu 2015 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-6.20 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Ic-chairperson semma li fejn hemm il-Housing Estate ta' Ħal Farruġ hemm xi dawl li huwa maqtugħ.

3.2 Ic-chairperson semm li fejn hemm il-Blokok ta' Ħal Farruġ hemm xi affarijiet bħal pavimentar li għadu pendenti. Is-Segretarju qal li huwa se jara minn hemm l-aħjar mill-ħaddiema li jista jagħmel dan ix-xogħol.

3.3 Is-Sur. Saliba semma li l-Family Park ma kienx qed jingħalaq filgħaxija. Huwa qal li kien hemm xi persuni li għandhom iċ-ċwievet tiegħu li qed jonqsu milli jagħlquh. Is-Segretarju qal li se jkellem is-Sindku fuqhom dawn biex jara x' jista jsir.

3.4 Is-Sur. Saliba qal li Triq Wied in-Noqor ma kinitx qed titnaddaf sew kif ukoll il-Bandli. Is-Segretarju semma li fuq it-toroq kien hemm wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill apposta u fuq il-Bandli kien se jibgħat il-ħaddiema biex jaraw x' hemm bżonn.

3.5 Ic-chairperson semma li fi Triq Wied in-Noqor hemm parti li waqa parti mis-saqaf tal-water culvert u qiegħed ta' periklu li jista jaqa xi ħadd. Is-Segretarju qal li se jara x' hemm u jagħmel it-tiswijiet.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 28 t' Awwissu 2015 fis-6.20 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv